# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Illum 15 ta' Lulju 2024

**Rik. Gur.Nru.: 204 /2024 JPG**

**Kawza nru.: 24**

**JF**
**Vs**
**SF**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-attur datat 18 ta' April 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgha (2009) u dana kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok 'A';*

2. *Illi miz-zwieg taghhom kellhom zewgt ulied ossia H twieldet nhar X u J li twieled nhar Y;*

3. *Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Melvin Polidano nhar il-wiehed u tletin (31) ta' Awissu tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023) (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'B');*

4. *Illi fl-imsemmi kuntratt, il-partijiet kienu rregolaw il-manteniment tal-minuri, liema manteniment dejjem thallas mir-Ragel u dwar liema m'hemm l-ebda pendenzi u/jew arretrati;*

5. *Illi l-partijiet kienu reciprokament ddekadew mid-dritt taghhom li jitolbu u jottjenu manteniment minghand xulxin;*

6. *Illi m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni, anke l-ghaliex, illum il-gurnata iz-zewg partijiet ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

7. *Illi dawn il-fatti jissudisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-ligi ghall-ksib tad-divorzju u dan skont l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob li dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan tal-ahhar jirregistra l-istess fic-certifikat taz-zwieg tal-partijiet;*

*U dan taht kull provvediment iehor li l-istess jidhrilha li hu xieraq u opportun.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat illi nhar l-24 ta' Gunju 2024 l-intimata dehret quddiem din il-Qorti minghajr assistenza legali u wara li l-Qorti spjegatilha d-drittijiet legali taghha, l-intimata ddikjarat li ma tehtiegx assistenza legali u mhux qed topponi ghad-divorzju; vide fol 20

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi il-verbal tal-24 ta' Gunju 2024 li bih il-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi x'jipproducu jew trattazzjoni ulterjuri x'jaghmlu u stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza. (Vide Fol 20)

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed (vide affidavit fol 22**) illi il-partijiet izzewgu nhar it-23 ta' Mejju 2009 u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, it-tnejn ghadhom minorenni. Iddikjarat illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 31 t'Awwissu 2023 fl-atti tan-Nutar Dr Melvin Polidano. Di piu', ikkonfermat illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**L-intimata xehdet nhar l-24 ta' Gunju 2024 (vide fol 23)** u kkonfermat u kkorroborat ix-xhieda tal-attur.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa***

*flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-*

***liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-23 ta' Mejju 2009 liema zwieg jgib certifikat numru 588/2009 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, it-tnejn minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Elena Farrugia nhar i-31 t'Awwissu 2023 (Vide fol 5 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 588/2009 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**